MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru. 647/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Josric Mifsud**

**VS**

**Alberta Amato detentrici tal-karta tal-identita' numru 434985M;**

**U Elaine Rapinett, detentrici tal-karta tal-identita' numru 115684M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Alberta Amato** u **Elaine Rapinett** li gew akkuzati talli nhar it-8 ta’ Lulju, 2005 gol-Qawra, ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar (1400hrs):

- Serqu sigaretti li l-ammont taghhom jiswa aktar minn mitt lira Maltin (Lm100.00) ghad-detriment ta’ Rose Muscat liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputati t-tnejn iddikkjaraw li ma kellhomx oggezzjoni;

Rat illi moqrija l-akkuza, l-imputati t-tnejn wiegbu li ma kinux hatja tal-istess (folio 66 – 67);

Rat illi wara snin li din il-kawza giet prezentata – mis-26 ta’ Lulju, 2005 sal-21 ta’ Marzu, 2014, inqrat l-akkuza, kwazi hemm trapass ta’ disa’ (9) snin;

Rat illi fil-fatt, waqt li l-imputati rregistraw ammissjoni fis-seduta ta’ nhar il-15 ta’ April, 2014 (folio 70), giet anke tentata s-suggeriment mid-Difiza tal-preskrizzjoni.

Ordnat il-Qorti, illi l-Ufficjal Prosekutur kellu fil-fatt jezebixxi kull riferta li ghandu fil-pussess tieghu – pero dan iddikkjara li kien sprovvist mill-istess.

Rat l-Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll f'dan ir-rigward l-Artikolu 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddikkjara l-akkuzi preskritta b'hames (5) snin, skont l-Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------